**Attività fil-Belt Valletta abbinata maż-żjara fil-Bibljoteka Nazzjonali.**

**Kif ninżlu mill-karozza**

L-ewwel waqfa fi Pjazza Mattia Preti. Hawn naraw monument li juri lil Mattia Preti li kien ________________ li fost xogħlijiet oħra pitter is-saqaf tal-________________________________ .

Fi Triq Marsamxett naraw irħama li tfakkar lil Ġuże` Muscat Azzopardi. Dan il-personaġġ hu magħruf bħala _____________________________________ u għamel żmien jgħix fil-Belt Valletta.

Nitilgħu minn Triq Santa Luċija u nduru għal Triq l-Ifran fejn naraw id-dar żgħira li fiha kien jgħix __________________ . Hawnhekk il-poeta kiteb uħud mill-isbaħ poeżiji tiegħu bħal "Il-Vjatku" u "Lill-Kanarin Tiegħi".

Qabel ma nidħlu fil-Bibljoteka, ngħaddu minn ħdejn tabella li għadha turi l-isem tat-triq bil-Franċiż, hija l-unika tabella li baqa' ta' Żmien il-Franċiżi. Din it-triq kien jisimha ____________________________________ .

**Wara li tispiċċa l-attivita` fil-Bibljoteka.**

Issa se ngħaddu minn xi postijiet li jissemmew fir-rumanzett "Il-Ħarsa ta'Rużann" fil-bidu tat-tielet kapitlu li jġib it-titlu "Il-Ħarsa f' Għajnejn Pietru".

Ngħaddu minn Triq il-Merkanti fejn ħdejn is-Suq tal-Belt fejn nassumu li kien hemm il-ħanut tal-________________ li daħlu fih Pietru u Salvina.

Wara ngħaddu minn Triq San Pawl li prattikament għadha l-istess kif kienet mitt sena ilu meta minnha għaddew Pietru u Salvina. Ninnutaw il-bini sabiħ mimli skultura fil-ġebla Maltija. Ta' min jgħid li l-Kavallieri xtaqu li kull kantuniera fil-Belt Valletta tkun imżejna b' xi dekorazzjoni. F' uħud minn dawn il-kantunieri naraw ___________________________________ .

Naslu ħdejn il-Monument tal-Qanpiena li jfakkar _________________________.

Minn hawn għadna dehra sabiħa tal-____________________________________.

Din il-pjanura qabel kienet tagħmel parti mill-Ġnien tal-Barrakka t' Isfel sakemm madwar erbgħin sena ilu infetħet triq u għalhekk il-ġnien kellu jiċċekken. Minn dan il-post fil-bokka tal-Port il-Kbir, Pietru ra l-vapuri deħlin mimlijin ________________ .

Matul l-Ewwel Gwerra, f' Malta ġew bosta suldati feruti. Kien hawn ħafna _______________________ fosthom is-Sacra Infermeria u sptar f' Bighi, in-naħa l-oħra tal-Port.

Nidħlu fil-Ġnien tal-Barrakka t'Isfel u fil-parti ċentrali ta' dan il-ġnen naraw monument kbir u sabiħ dedikat lil _________________________. Hawnhekk Pietru u Salvina kienu mbuttati mill-folla biex morru jaraw x'kien qed jiġri.

**Jistgħu jinqraw Paġni 103 u 104 tar-Rumanz.**

